# Il-Popolazzjoni tal-Gudja sat-Tmiem tas-Seklu Tmintax

Il-Gudja hija waħda mill-irħula antiki ta' Malta. Għal mijiet ta' snin kienet waħda mis-seba' *casali* li kienu jiffurmaw il-Parroċċa ta' Bir Miftuħ u l-eqreb lejn il-Knisja Parrokkjali ddedikata lill-'Santa Marija tal-ħmistax t'Awwissu'. L-ismijiet 'Bir Miftuħ' u 'Gudja' saru sinonimi u meta l-parroċċa ġiet smembrata, il-Parroċċa tal-Gudja baqgħet tissejjaħ 'Bir Miftuħ'. F'dan l-artiklu nagħtu daqqa t'għajn lejn kif il-Gudja, kemm qabel u kemm wara l-qsim ta' Bir Miftuħ, kibret fid-daqs. Dan ma kienx żvilupp regolari; xi drabi l-popolazzjoni kienet tonqos, oħrajn kienet tiżdied, anke tieħu qabża kbira f'daqqa.




L-ewwel ħjiel dwar in-nies tal-Gudja nsibuh fil-lista tal-Militia tal-1419-20 li tinsab fl-Arkivji tal-Katidral tal-Imdina. F'din u f'xi listi oħra ta' dak iż-żmien jingħataw l-ismijiet tal-irġiel li kienu jgħassu max-xtut jew jagħmlu xogħol obbligatorju. Nafu li kull raġel bejn is-sittax u l-ħamsa u sittin sena kien obbligat jagħti sehmu. Fl-1419 il-Gudja kienet tipprovdi 38 raġel għall-għassa tax-xtut.[1] Jekk timmultiplika dan in-numru b'ħamsa jew sitta issib li l-popolazzjoni tal-Gudja kienet bejn wieħed u ieħor 190/228.[2] Numru żgħir ħafna, iżda f'Malta b'kollox kien hawn mal-10,000 ruħ. Barra minn hekk, jekk tqabbel mal-irħula l-oħra ta' Bir Miftuħ, issib illi l-Gudja ma kenitx tikkompara ħażin: Ħal Luqa u Ħal Farrug flimkien, 27 raġel, l-Imqabba, 21, Ħal Kirkop, 16 u Ħal Safi, 18. Ħal Tarxien (18), flimkien ma' Ħal Saflieni (12) u Johanni (40), kellhom 70 suldat.[3] Mons. Dusina fl-1575 iqis lil San Giovanni u Ħal Tarxien l-istess raħal.

Wara l-1420 ndumu ma nsibu xi ħjiel tal-popolazzjoni. Żgur li għal xi żmien in-nies f'Malta naqsu. Fl-invażjoni mill-Mori fl-1429 eluf ta' Maltin sfaw ilsiera. Wara dan kien hemm pesta u mard ieħor li qatel bosta nies. Iżda wara dan kollu, in-nies reġgħu żdiedu u fl-1480 probabbli reġa' kien hawn mal-10,000 ruħ. Sal-1530 il-popolazzjoni kienet laħqet l-20,000 ruħ.[4] F'dik is-sena ġew il-Kavallieri ta' San Ġwann u Malta bdiet tinbidel bil-għaġla.

L-ewwel nett, il-popolazzjoni bdiet tikber b'rata akbar minn qatt qabel. Iżda l-mappa tal-pajjiż bdiet tinbidel drastikament ukoll. Il-port sar aktar importanti, il-Birgu kiber, inbnew l-Isla, Bormla u l-Belt Valletta. Il-port sar iċ-ċentru tal-ħajja Maltija u beda jiġbed ħafna nies mill-kampanja. Barra minn hekk, irħula żgħar bdew jiġu abbandunati u n-nies bdiet tikkonċentra ruħha fl-ibliet u fl-irħula l-kbar. Dan kien ikkaġunat mill-biża' tal-pirati. Kif għidna, fl-1429, ħafna nies ittieħdu lsiera. Fil-1551 Malta kienet mħarbta minn armata mill-Afrika ta' Fuq u eluf t'Għawdxin ittieħdu lsiera. Fl-1550 kien hawn għaks kbir u ħafna nies mietu. Terġa', qabel l-Assedju l-Kbir eluf telqu minn Malta u marru fi Sqallija, xi wħud minn rajhom, oħrajn kienu mġiegħla biex jitnaqqas il-bżonn tal-ikel. Fl-Assedju bosta tilfu ħajjithom. Madankollu, fl-1590 il-popolazzjoni ta' Malta kienet laħqet it-30,000. Reġgħet naqset fl-1591 u fl-1592 meta kien hawn nuqqas ta' ikel kbir u feġġet il-pesta.[5] Fl-aħħar tas-seklu sittax f'Malta kien hemm iżjed nies milli kien hemm fil-bidu tas-seklu, imma l-port kien jiġbed 'il barra mill-irħula.

Għall-bidu ma nafux sew kif marret il-Gudja b'dawn it-tibdiliet. Fl-1575, il-legat tal-Papa, Mons. Pietro Dusina, dar il-knejjes kollha ta' Malta u fir-rapport tiegħu hemm in-numru ta' djar ta' kull parroċċa. Insibu li fil-Gudja kien hemm 80 dar. Fil-*casali* l-oħra: Ħal Luqa 130, Tarxien jew San Joanni 100, Ħal Kirkop 50, Ħal Safi 50, l-Imqabba 30, Ħal Farrug 10. Jekk inqabblu mal-lista tal-1420, mija u ħamsin sena qabel, naraw

illi l-Gudja ma kenitx kibret daqs Ħal Luqa iżda kienet għadha akbar minn Ħal Kirkop, Ħal Safi, L-Imqabba u Ħal Farruġ. Dan tal-aħħar fil-fatt kien qiegħed jiċkien relattivament mal-*casali* l-oħra, u probabbli n-nies kienu qed jemigraw lejn postijiet akbar, ngħidu aħna, Ħal Luqa u Ħal Qormi.

Fis-seklu sbatax nibdew insibu aktar informazzjoni minn *Status Animarum*, Viżti Pastorali u anke xi ċensiment. In-numru ta' nies beda jikber ġmielu. Minn 375 fl-1632 tela' għal 485 fl-1687. L-ogħla punt kien fl-l670 meta laħaq il-595, iżda għaxar snin wara kien 500. Ir-raġuni kienet il-pesta tal-1676 li kaxkret 37 persuna mill-Gudja.[6] Mid-dehra ħafna oħra telqu band'oħra, probabbli lejn l-ibliet. Il-pesta l-aktar li ħakmet kienu l-ibliet tal-port fejn inħoloq nuqqas ta' ħaddiema. Dan ħajjar nies mill-kampanja biex ifittxu xogħol fl-ibliet.

Is-seklu tmintax ra żieda straordinarja. Fl-1702 kien għad hemm 492 fil-Gudja. Fl-1716 il-figura kienet ta' 688, kwazi 200 aktar minn erbatax-il sena qabel, iżda sal-1726 kienet reġgħet niżlet għal 489, ftit aktar mill-1702. Wara dan, in-numri jibdew telgħin u neżlin, dejjem madwar il-500, sal-1760, meta jibdew telgħin f'daqqa. Fl-1797, lejlet il-miġja tal-Franċiżi, kien tela' għal 880. Is-sentejn li l-Franċiżi damu Malta kienu diffiċli. Ħafna mietu fil-ġlied, oħrajn mietu bil-għaks u bil-mard.

It-tibdil fil-popolazzjoni tal-Gudja jixbah lil dak li kien qed jiġri f'Malta kollha. Mill-20,000 ruħ li kien fiha Malta fl-1530, meta ġew il-Kavallieri ta' San Ġwann, il-popolazzjoni telgħet għal 100,000 meta telqu fl-1798. Il-Gudja ma kenitx raħal kbir, imma lanqas ma kienet fost iż-żgħar li sparixxew. Dan juri li ma kenitx esposta żżejjed għal attakki mill-baħar. In-nies ifittxu bliet u rħula kbar ukoll għax hemm isibu aktar servizzi u aktar faċli li jinqdew fil-bżonnijiet tagħhom. Donnu li fil-Gudja ma kienx jinħass nuqqas kbir ta' ħwienet u nies tas-sengħa, għax kieku n-nies kienet tonqos bil-ftit il-ftit u tmur f'postijiet akbar. Wara s-sena 1800 il-popolazzjoni kompliet tikber imma f'ċirkustanzi differenti ħafna.

**Paul Farrugia M.A.**

1 Godfrey Wettinger, The Militia List of 1419-20, Melita Historica 1969, p 82.

2 Is-sistema hija dik użata fl-istudju li semmejna, p 83.

3 Dawn it-tliet casali llum jiffurmaw ħal Tarxien.

4 Jean Quintin d'Autun, The Earliest Description of Malta (Lyons 1936), Malta 1980, p 29.

5 Brian Blouet, The Story of Malta, London 1976, p 91.

6 Joseph Micallef, The Plague of 1676, p 110.


# MATHS / PHYSICS O'LEVEL COURSES

## STARTING SOON !
## COURSES COVER <u>ALL</u> THE SYLLABUS FOR O'LEVELS.
## EARLY BOOKINGS ARE RECOMMENDED !

## MOB : 77034990
## E-MAIL : maths.physicsclasses@yahoo.com


